# INTERVISTA MA’ ĠESU’

**ĠURNALIST: Min fejn int?**

ĠESÙ: Għalkemm twelidt Betlem jien trabbejt  Nazaret, raħal fil-parti ta’ fuq tal-Galilea.

**ĠURNALIST: Kif kienet id-dar li kont tgħix fiha?**

ĠESÙ: Meta kont għadni tifel jien kont ngħix ma’ ommi Marija u Ġużeppi. Id-dar tagħna, bħall-bqija tad-djar l-oħra, kienet magħmula mill-ġebel. Kellna bitħa kbira fejn ommi  kienet tqatta’ ħafna mill-ħin tal-ġurnata issajjar u tnaddaf. In-nisa kienu jħobbu wkoll jinsġu n-newl.

Kull dar kien ikollha għar – tip ta’ kantina tal-lum – fejn jaħżnu l-affarijiet tal-ikel. Kien ikollha wkoll forn u ġarra kbira tal-ilma (water cistern) ħdejn il-bitħa.

**ĠURNALIST: Kif kont tqatta’ l-ġurnata?**

ĠESÙ: Jien kont inqatta’ ħafna ħin ngħin lil missieri. Missieri kien mastrudaxxa u lili ħarriġni f’din is-sengħa. Kont ukoll nilgħab mat-tfal tal-bdiewa u tar-raħħala. Dak iż-żmien kont tara ħafna ngħaġ, mogħoż u ħmir għaddejjin mit-toroq...Il-ħajja

kienet fqira u sempliċi u konna niddependu ħafna mill-biedja biex nieklu.

Ħafna, minna barra li kienu jgħinu lill-ġenituri tagħhom, konna wkoll niltaqgħu biex nilagħbu. L-hena tagħna nixxabbtu mas-siġar taż-żebbuġ u tal-lewż. Konna wkoll nieħdu pjaċir narawhom  jagħsru l-għeneb għall-inbid. Fir-raħal  kellna ħafna dwieli  u l-għeneb żgur ma kienx nieqes.

**ĠURNALIST: ... Jiġifieri int ma kontx tmur skola?**

ĠESÙ: Dażgur! Jien kont ukoll nistudja meta ma kontx ngħin lil missieri. Kont nistudja l-Kelma t'Alla għax kont naf li la nikber kelli nwettaq dak li bagħatni għalih Alla Missieri. Il-ġurnata tas-Sibt kienet importanti ħafna għalija. Kont immur  is-sinagoga. Hemmhekk l-hena tiegħi nisma' l-qassissin tal-Lhud jiddiskutu bejniethom fuq dak li jkun inqara mill-Iskrittura.

**ĠURNALIST : Tiftakar xi esperjenza li ma tinsa qatt?**

ĠESÙ: Fis-sinagoga. Meta kont għadni sser nibda ngħallem, xtaquni naqra. Konna naqraw mill-Iskrittura. Għajnejn il-qassissin Lhud kollha kienu jħarsu lejja. B'vuċi soda qrajt silta mill-ktieb tal-Profeta Iżaija. Din kienet titkellem dwari. Taf int, jien xtaqt ngħid lil min kien hemm preżenti dwar il-missjoni li kont imsejjaħ għaliha. Kienet tgħid li jien kont se nkun Dak li

jġib tama u jnissel kuraġġ f'min qed ibati u jħossu mdejjaq. Trid tara r-reazzjoni tal-Lhud! Tant tkellimt mill-qalb li kulħadd baqa' mistagħġeb. Bdew jgħidu: *Dan mhux bin Ġużeppi l-mastrudaxxa?* Mur għidilhom li jien kont propju Dak li kienu ilhom jistennew ħafna – il-Messija magħżul minn Alla.

**ĠURNALIST: Grazzi tal-ħin tiegħek.**